MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 3/2023 LM

**Chantelle Grech (K.I. nru. 428087(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni numru 343/2022 mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fid-29 ta' Diċembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni

appellata'], li permezz tagħha ddeċida li jilqa' l-appelli tar-rikorrenti **Chantelle Grech (K.I. nru. 428087(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], filwaqt li ddikjara nulli u mingħajr effett id-deċiżjonijiet tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Lulju, 2021 u tad-19 ta' Lulju, 2021.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-15 ta' Lulju, 2021 u tad-19 ta' Lulju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat'] li skont hu l-appellata kienet naqset milli tikkopera mal-ispetturi, u għalhekk waqqaf il-benefiċċju tal-għajnuna soċjali (SUP) u naqqas ir-rata tal-*Allowance* tat-Tfal wara li allegatament kien sar ħlas żejjed għall-perjodu bejn id-19 ta' Ġunju, 2021 u l-1 ta' Ottubru, 2021.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fit-3 ta' Awwissu, 2021 fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, filwaqt li spjegat ċ-ċirkostanzi tagħha.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fis-6 ta' Ottubru, 2021 fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u talab sabiex l-Arbitru jikkonferma d-deċiżjoni appellata u jiċħad it-talba tal-appellata.

## Id-deċiżjoni appellata

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkonsidra*
>
> *Illi dawn l-appelli jittrattaw dwar deċiżjonijiet tad-Dipartiment li jitwaqqaf il-ħlas tal-Għajnuna Soċjali u jintalab ir-rifużjoni tal-ammonti mħallsa minħabba li skont id-Dipartiment ma kienx sodisfatt li l-appellanta ikkoperat mall-ispetturi tad-Dipartiment fil-qadi tal-investigazzjoni tagħhom.*
>
> *Illi mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta irriżulta li din l-investigazzjoni nbdiet fuq rapport anonimu li l-appellanta ma kienetx qed tgħix fl-indirizz indikat minnha imma f'indirizz ieħor mas-sieħeb tagħha. Irriżulta li mill-investigazzjoni li nbdiet wara rapport anonimu l-uffiċjali marru aktar minn darba fl-indirizz iddikjarat mill-appellanta iżda qatt ħadd ma fetħilhom. Huma għamlu kuntatt magħha permzz tat-telefonija fuq in-numru mogħtija mill-istess appellanta iżda anke hawn kienu mingħajr suċċess. Intbagħat avviż b'posta reġistrata u dan ukoll ma ġabx suċċess għaliex l-appellanta baqgħet ma marritx tkellem lill-uffiċjali fid-Dipartiment. Dan l-avviż b'posta reġistrata qatt ma wasal għand l-appellanta kif jidher mid-dokument tal-Maltapost fejn hemm imniżżel li* "item could not be processed further since addressee could not be reached" *Dan kuntrarju għal dak li hemm fir-rapport tal-uffiċjali investigattivi. L-appellanta permezz ta' affidavit tagħha datat 19 ta' Jannar 2022 ikkonfermat li hija qatt ma rċeviet xi ħaġa bil-posta.*
>
> *L-Arbitru filwaqt li jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell mill-Imħallef Lawrence Mintoff fejn ġibed l-attenzjoni li investigazzjoni anonimi ma għandhomx jintużaw sabiex jwaqqfu l-benefiċċji lill-benefiċjarji simili għal kif twettqu l-investigazzjoni f'dan il-każ. L-Arbitru ma huwiex konvint li d-Dipartiment pprova l-każ tiegħu fuq livell rikjest mil-liġi għaliex ma nġabet ebda prova konkreta li l-appellanta kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha fl-indirizz indikat u lanqas li hi kienet ġiet notifikat bl-avviż u naqset li żżomm l-appuntament tagħha mal-uffiċjali tad-Dipartiment.*
>
> *L-Arbitru sema' t-trattazzjoni tal-partijiet fejn ġabu l-argumenti tagħhom favur il-posizzjoni ta' kull naħa.*

*Għal dan il-motivi l-appelli ta' Chantelle Grech qed jiġu milqugħa u d-deċiżjonijiet tad-Dipartiment datati 15 ta' Lulju 2021 u tad-19 ta' Lulju 2021 huma kkonsiderati nulli u mingħajr effett."*

## L-Appell

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-1 ta' Frar, 2023 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Lulju, 2021, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) l-Arbitru kien skorrett meta qies li d-deċiżjoni appellata kienet serħet fuq l-allegat fatt li l-appellata kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha; u (ii) l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi meta wasal għall-konklużjonijiet irraġonevoli li l-appellata ma kinitx notifikata bl-avviż tad-Dipartiment.

7. L-appellata wieġbet fid-19 ta' April, 2023, fejn issottomettiet li l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż u bl-imgħax fejn applikabbli kontra l-imsemmi Direttur Ġenerali appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, flimkien mat-tweġiba tal-appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jikkontendi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, li l-Arbitru kien skorrett meta kkunsidra li d-deċiżjonijiet tiegħu kien jserrħu fuq l-allegat fatt li l-appellata kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha. Jikkontendi li d-deċiżjoni tiegħu ma kinitx imsejsa fuq dan l-allegat fatt, iżda għaliex kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tagħha fejn l-investigazzjoni li huwa kien qiegħed jittenta li jagħmel ma setgħetx issir minħabba l-aġir tal-appellata. Għalhekk jgħid li l-Arbitru straħ fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux jagħmlu l-mertu tal-appell u dak li kellu jikkunsidra kien jekk id-deċiżjonijiet li ttieħdu kienux raġonevoli jew le. Meta d-Direttur Ġenerali appellant jgħaddi sabiex jispjega t-tieni aggravju tiegħu, jibda billi jiddikjara li huwa jagħraf li fl-istadju tal-appell is-soltu ma jiġix iddisturbat l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-Qorti, jew fil-każ odjern mill-Arbitru, u dan sakemm ma tirriżultax raġuni gravi. Jissottometti li m'għandux jintesa l-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) kif rifless fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar *vs.* L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et** tal-14 ta' Diċembru, 2018, u jiċċita silta minn dak li qalet hemmhekk l-imsemmija Qorti. Jiċċita wkoll id-deċiżjoni appellata, fejn l-Arbitru ddikjara li *"[l]-Arbitru ma huwiex konvint li d-Dipartiment pprova l-każ tiegħu fuq livell rikjest mil-liġi għaliex ma nġabet ebda prova konkreta li l-appellanta kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha fl-indirizz u* ***lanqas li hi kienet ġiet notifikata bl-avviż u naqset li żżomm l-appuntament tagħha mal-uffiċjal tad-Dipartiment****".* Jibda billi jispjega li m'hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-indirizz Block 5, Flat 7, Triq Ġdida fi Triq Larry Vella, San Pawl il-Baħar, huwa l-indirizz residenzjali tal-appellata, hekk kif jirriżulta mill-*Common Data Base.* Jgħid li f'dan l-indirizz intbagħtu d-deċiżjonijiet tiegħu, u huwa l-indirizz li l-appellata

ndikat fl-appell tagħha, u saħansitra ssemma fl-affidavit tax-xhud li ressqet l-istess appellata. Hawnhekk id-Direttur Ġenerali appellant jgħaddi sabiex jispjega l-kronoloġija tal-fatti tal-każ odjern, fejn l-ispetturi kienu ċemplu lill-appellata fuq in-numru tal-*mobile* li kienet tat hija stess, iżda nstab li filfatt dan ma kienx jeżisti. Jikkontendi li dan huwa nuqqas xejn zgħir min-naħa tagħha għaliex kien ifisser li hija kienet għaddietlu numru falz, jew li ma żammitux aġġornat, sabiex b'hekk huwa ġie mċaħħad minn mod sempliċi u tassew effettiv ta' kif seta' jagħmel kuntatt mal-appellata. B'hekk l-ispetturi kienu għaddew sabiex bagħtu ittra reġistrata għaliex din kienet tipprovdi prova jekk waslitx jew le. Jirrileva li quddiem l-Arbitru kienet ġiet esebita l-informazzjoni dwar dan kollu, fejn il-pustier meta ma sabx lill-appellata fir-residenza tagħha, ħalla avviż sabiex l-istess appellata tiġborha mill-fergħa lokali tal-Posta. Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li dwar dan kollu instemgħet xhieda fit-tul, iżda ma setax jifhem l-iskop ta' dik ix-xhieda. Isejjaħ il-provi tal-appellata fir-rigward bħala pwerili għall-aħħar, fejn l-argument tagħha dwar li *letterbox* mhijiex sigura huwa assurd u patetiku. Jisħaq li kien id-dover tal-appellata bħala *bonus paterfamilias* li tagħmel ċert li hija tista' tirċievi ittri importanti. Id-Direttur Ġenerali appellat jirrileva li ma rriżultat l-ebda prova li l-avviż tal-Maltapost sabiex tiġbor l-ittra ma tħalliex hemmhekk, u l-argument tagħha li hija ma kienet irċeviet xejn, kellu jiġi kkunsidrat fit-totalità taċ-ċirkostanzi u mhux bħala fatt iżolat. Jispjega li huwa kien għamel minn kollox min-naħa tiegħu, fejn saħansitra l-ispetturi marru darbtejn fuq il-post u ma sabux lill-appellata. Imbagħad ittentaw jikkomunikaw magħha permezz tal-*mobile* mingħajr ma rċevew l-ebda tweġiba, filwaqt li rriżulta li n-numru tal-*mobile* ma kienx jeżisti. Fl-aħħarnett meta ppruvaw jinnotifikaw lill-appellata permezz ta' posta reġistrata, din

baqgħet ma nġabritx. Għalhekk jistaqsi x'kellu jagħmel iżjed f'dawn iċ-ċirkostanzi. Id-Direttur Ġenerali appellat jikkontendi li huwa għal kollox irrilevanti l-kumment tal-Arbitru li *"investigazzjoni anonimi ma għandhomx jintuża sabiex iwaqqfu l-benefiċċji lill-benefiċjarji simili",* għaliex is-sors tal-investigazzjoni ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess investigazzjoni ma setgħetx issir minħabba nuqqas ta' koperazzjoni tal-appellata. Jikkontendi li anki fejn huma kienu ser jagħmlu spezzjoni għall-għarrieda, kienu ser jiġu rinfaċċati bl-istess problema ta' bieb magħluq, telefonati mhux imwieġba u posta reġistrata njorata. Id-Direttur Ġenerali appellant jisħaq li dan huwa każ ċar fejn l-appellata kienet xekklet kull tentattiv ta' notifika, u huwa assurd li ta' dan kienet qiegħda tingħata rigal. Jissottometti li jekk kien hemm raġunijiet għal uħud miċ-ċirkostanzi, iżda fejn qatt ma ngħatat spjegazzjoni għaliex il-linja tan-numru tal-*mobile* ma kinitx taħdem, l-assjem tagħhom u hawnhekk jagħmel enfażi fuq il-fatt li l-appellata naqset milli tiġbor il-posta reġistrata, fl-aħjar ipoteżi kienu juru li hija ma kinitx ħadet ħsieb l-affarijiet bażiċi tagħha, u fl-agħar ipoteżi li għamlet tabirruħha sabiex ma tiġix notifikata. Jikkontendi li d-Dipartiment, fid-dawl ta' dan kollu, raġonevolment kellu jasal għall-konklużjoni li l-appellata ma ridtx tikkopera miegħu, u għalhekk id-deċiżjonijiet tiegħu kienu korretti.

10. L-appellata fit-tweġiba tagħha tispjega li l-każ odjern beda hekk kif kien sar rapport anonimu fil-konfront tagħha mad-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja, li hija kienet qiegħda tirrisjedi ma' persuna oħra fir-residenza tagħha. Tkompli tispjega li b'hekk id-Direttorat fetaħ investigazzjoni fil-konfront tagħha, b'dana li t-tentattivi sabiex isir kuntatt magħha ma rnexxewx, iżda dan għal raġunijiet li tgħid li mhumiex imputabbli lilha, u li kienu saħansitra barra mill-kontroll tagħha. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-ittra li bagħat id-

Direttorat u li baqgħet ma waslitx għandha, tgħid li xorta waħda d-Dipartiment deherlu li kellu jwaqqaf il-benefiċċji li hija kienet tirċievi dak iż-żmien. Tgħid li hija kienet appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, u l-appell kien ġie milqugħ mill-Arbitru. Min-naħa tiegħu d-Direttur Ġenerali appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni, u ressaq appell quddiem din il-Qorti, b'dana li fil-fehma tagħha l-aggravji tiegħu huma infondati għal kollox u ntiżi sabiex din il-Qorti tiddisturba bla bżonn l-apprezzament tal-provi li kien għamel l-Arbitru. Dwar l-aggravji li qiegħed iressaq id-Direttur Ġenerali appellant, tgħid li dawn ma jittrattaw l-ebda punt ta' liġi, u saru għaliex id-Direttur Ġenerali appellant m'għogbitux id-deċiżjoni tal-Arbitru, u mhux għaliex tassew kien hemm raġunijiet validi li jitolbu li d-deċiżjoni appellata tinbidel. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellanta ssostni li l-Arbitru kien għaraf li l-investigazzjoni fil-konfront tagħha kienet bdiet hekk kif kien hemm allegazzjoni li hija kienet qiegħda toqgħod mas-sieħeb tagħha. Madankollu d-Direttur Ġenerali appellant fir-rikors tal-appell tiegħu spjega li d-deċiżjonijiet tiegħu kienu ttieħdu fil-konfront tagħha għaliex hija ma kinitx ikkoperat. Tgħid li hawnhekk huwa ma kellu l-ebda raġun, u tistaqsi kif setgħet tittieħed din id-deċiżjoni fejn hija saħansitra ma kinitx ġiet infurmata b'dak li kien qiegħed jintalab mingħandha. Wara kollox hija kellha kull interess li tkellem lid-Direttorat sabiex tevita li jinqata' l-benefiċċju. Hawnhekk l-appellata tidħol fit-tifsira ta' *'cooperation'* kif mogħtija minn diversi dizzjunarji tal-ilsien Ingliż, u tgħid li minn hawnhekk il-Qorti tista' tapprezza li sabiex ikun hemm koperazzjoni, hemm bżonn li l-persuni fuq kull naħa jkunu nfurmati b'dak li qiegħed jiġri. Tirrileva li l-ittra kienet intbagħtet lilha wara t-tentattivi tal-ispetturi sabiex jaċċedu fir-residenza tagħha, iżda din kellha tintbagħat proprju qabel, u hawnhekk tagħmel riferiment

għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta llum, fl-ismijiet **Miriam Attard *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2022. Tgħid li l-aġir tad-Direttur Ġenerali appellant f'dik il-kawża li wassal lil din il-Qorti sabiex tesprimi ruħha b'mod li jolqot il-laħam il-ħaj, kien wieħed kważi identiku għal dak li rriżulta fil-każ odjern. Min-naħa tagħha, hija kienet għamlet riferiment għal din is-sentenza fit-trattazzjoni orali tagħha quddiem l-Arbitru, u għalhekk għal darb'oħra ser tistrieħ fuq dak il-pronunzjament applikabbli wkoll għall-każ odjern. L-appellata tikkontendi li jekk ma kienx hemm l-allegazzjoni li hija kienet qiegħda tirrisjedi mas-sieħeb tagħha fir-residenza tagħha, id-deċiżjoni tal-Arbitru kellha tkun l-istess għaliex id-deċiżjoni titkellem ukoll dwar (a) il-fatt li hija ma kinitx ġiet notifikata bl-ebda avviż; u (b) il-fatt li ma kienx minnu li hija b'xi mod naqset mill żżomm l-appuntament tagħha mad-Dipartiment. Tgħid li filfatt l-Arbitru kien osserva li d-Dipartiment ma kienx ressaq prova dwar in-notifika tal-avviż li kien intbagħat lilha, u li hija kienet naqset milli tattendi għall-appuntament tagħha. Dwar it-tieni eċċezzjoni tagħha, l-appellata tissottometti li kif sewwa ċitat mid-Direttur Ġenerali appellant, din il-Qorti għandha s-setgħa *'tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball",* iżda mhux b'mod faċli jew għax hekk jidhirlu l-appellant kif huwa l-każ odjern. L-appellata tgħid li l-motivazzjoni wara dan it-tieni aggravju hija ċara. Tispjega li d-Direttur Ġenerali appellant mhuwiex qed jaqbel mad-deċiżjoni appellata, u b'hekk qiegħed jipprova jbiddilha, u mhuwiex minnu li sar xi apprezzament ħażin tal-provi jew xi nuqqas ieħor. L-appellanta tikkontendi li r-raġunijiet li ġab id-Direttur Ġenerali appellant jistrieħu fuq assunzjonijiet u kien qed jippretendi li l-oneru tal-prova dwar il-fatt li hija ma kinitx ġabret l-ittra mill-fergħa lokali tal-Posta, kellu jkun fuqha, meta wara

kollox ma kien hemm l-ebda obbligu bħal dan, u hija ma setgħetx tkun taf li din intbagħtet mid-Dipartiment.

11. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u tajba. Wara li jirriżulta ċar minn din id-deċiżjoni li l-Arbitru għaraf li r-raġuni li kienet ingħatat mid-Dipartiment sabiex jitwaqqaf il-benefiċċju tal-għajnuna soċjali (SUP) u titnaqqas ir-rata tal-*Allowance* tat-Tfal, kienet li l-appellata kienet naqset milli tikkopera mal-ispetturi tad-Dipartiment meta dawn kienu qegħdin jinvestigaw rapport anonimu li hija kienet qiegħda tgħix flimkien mas-sieħeb tagħha, ikkunsidra mhux biss il-fatt li ma tressqet l-ebda prova dwar din l-allegazzjoni, iżda wkoll li d-Direttur Ġenerali appellant ma ġab l-ebda prova li hija kienet ġiet notifikata bl-avviż tiegħu, iżda naqset milli żżomm l-appuntament li kellha mal-uffiċjali tad-Dipartiment. Il-Qorti tqis li għalhekk l-Arbitru indirizza sew il-pern tal-kwistjoni kollha bejn il-partijiet, billi kkunsidra li ma kien hemm l-ebda prova li setgħet turi li l-appellata kienet konxja tal-fatt li hija kellha tikkomunika mad-Dipartiment. Fl-eventwalità li hija tassew kienet notifikata bl-avviż tad-Dipartiment dwar l-appuntament u naqset milli tattendi, id-Direttur Ġenerali appellant kien ikollu kull raġun jargumenta li hija kienet naqset milli tikkopera mal-ispetturi tad-Dipartiment. Iżda fin-nuqqas ta' prova ċara u konkreta dwar dan, id-deċiżjoni tiegħu bl-ebda mod ma tista' tiġi kkunsidrata bħala ġustifikata, anki meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant huma ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**